**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rita Borg

vs

R&K Ltd/ Triple A

CCT 197/21/MS

Illum, 23 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Novembru 2021 feint talbet lil dan it-Tribunal jikundanna s-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' seba mija u hamsin Euro, prezz ta' magna tal-hasil mixtrija minghand l-azjenda intimata, liema magna waqqfet tandem fil-perjodu tal-garanzia.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahhlet l-ebda risposta u hadd ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Ottubru tas-sena 2018, ir-rikorrenti xtrat magna tal-hasil u forn minghand is-socjeta' intimata. Ir-rikorrent tghid illi hallset €750.00 ghall-magna tal-hasil u kellha hames snin garanzija. (Ara invoice numru 16679 u garanzija numru 006990). Fl-ewwel gimgha ta' Gunju 2021, il-magna waqqfet tahdem. Gie technician mis-socjeta' intimata u biddel il-motherboard ma wahda uzata, pero' xorta ma hadmitx. Prova jbiddel il-motorboard, pero' dan kien ghal xejn u gimgha wara rega' gie u gab erba' motor boards ohra, pero' xorta ma hadmitx. Ghalhekk stenniet hames gimghat sakemm gabu motorboard minn barra, pero' anke dan kien ghal xejn u ghalhekk gabbru l-magna u haduha l-workshop. Ir-rikorrenti tghid li wara gimgha gabuha lura u l-magna kellha hafna daqqiet u kif ghamlet l-ewwel hasla hareg l-ilma minn taht u kien hemm riha ta' hruq. Regghet cemplet u gie technician iehor u qalilha li kien hemm kollox mahruq. Regghu ordnaw motorboard iehor u

kellha tistenna erba' gimghat ohra, pero' qatt ma regghu cemplu. Fis-6 ta' Settembru 2021, u allura iktar minn tlett xhur wara li sar l-ewwel ilment, baghtet ittra fejn talbithom magna gdida. Regghu gew ghall-magna biex jippruvaw issewuha ghall-ahhar darba. Gabuha lura fil-11 ta' Ottubru u tawha programm ta' tlett sighat. Ir-rikorrenti regghet sabet hafna ilma mal-art u riha ta' hruq qawwi.

Illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjon ohra li b'xi mod jikkontrasta dak li qed tallega ir-rikorrenti. Ghalhekk fin-nuqqas ta' dan, il-versjoni tar-rikorrenti, li hija verosimili, hija wkoll inkontestata. Jidher li f'dan il-kaz, id-difettt immanifesta ruhu entro it-terminu tal-garanzija u nonstante diversi tentativi biex din il-magna tigi msewwija, din baqghet difettuza. Jihder ukoll illi r-replacement parts uzati ma kienux dejjem godda u/jew ta' kwalita'.. Ir-rikorrenti kienet pacenzjuza u stenniet ghal diversi xhur, b'inkonvenjent kbir ghaliha.

Illi tajjeb jew hazin, il-magna intuzat mir-rikorrenti ghall-perjodu ta' tlett snin, u ghalhekk dan is-servizz ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' din it-talba. Ghalhekk, wara li ha in konsiderazzjoni dań id-deprezzament fil-valur tal-magna u c-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jaqbel li ghandu jkun hemm tnaqqis u qed jillikwida l-kumpens arbitrio bono viri fl-ammont ta' hames mija u hamsin Euro. (€550.00).

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata ihallasa s-somma ta' hames mija u hamsin Euro ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-magna in kwistjoni wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispjejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru